

22001D0165

L 65/48

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

7.3.2002

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 165/2001

tal-11 ta' Diċembru 2001

li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-koperazzjoni foqhma speċifiċi lil hinn mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 31 għall-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 100/2001 tat-13 ta' Lulju 2001 <sup>(1)</sup>.
- (2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/561/KE tal-24 ta' Settembru 1998 dwar il-koperazzjoni Ewropea fl-assikurar tal-kwalità fl-edukazzjoni għola <sup>(2)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-ftehim.
- (3) Ir-Rakkomandazzjoni 2001/166/KE dwar il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-12 ta' Frar 2001 dwar il-koperazzjoni Ewropea fl-evalwazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni skolastika <sup>(3)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

## Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 6 fl-Artikolu 4 fil-Protokoll 31 tal-Ftehim:

- "7. Il-Partijiet Kontraenti għandhom ifittxu li jsaħħu l-koperazzjoni fil-qafas tal-attivitajiet Komunitarji li jistgħu jirriżultaw mis-segwenti attivitajiet Komunitarji:
- **398 H 0561:** Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/561/KE tal-24 ta' Settembru 1998 dwar il-koperazzjoni Ewropea fl-assikurar tal-kwalità fl-edukazzjoni għola (ĠU L 270, tas-7.10.1998, p. 56),
  - **32001 H 0166:** Ir-Rakkomandazzjoni 2001/166/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2001 dwar il-koperazzjoni Ewropea fl-evalwazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni skolastika (ĠU L 60, ta' l-1.3.2001, p. 51)."

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-12 ta' Diċembru 2001, dejjem jekk in-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

<sup>(1)</sup> ĠU L 251, ta' l-20.9.2001, p. 27.

<sup>(2)</sup> ĠU L 270, tas-7.10.1998, p. 56.

<sup>(3)</sup> ĠU L 60, ta' l-1.3.2001, p. 51

(\*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-, u fis-Suppliment taż-ŻEE għal, *Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, 11 ta' Diċembru 2001.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

B. GRYDELAND

---